MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1587/1993/1

**Piju Camilleri**

**Vs**

**Carmel Attard bhala Editur u Doctor Austin Bencini LL.D. bhala Stampatur tal-Gurnal "IL-GENS"**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fis-16 ta' Dicembru 1993 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenuti, bhala editur u stampatur rispettivament tal-gurnal "Il-Gens" fil-harga ta' l-istess gurnal tal-Gimgha 19 ta' Novembru 1993, fil-pagna tlieta (3) f' artikolu intitolat "In-Nisga tal-Ghanqbuta" bi kliem u insinwazzjonijiet, ingurjaw gravement lill-attur billi

attribwewlu fatti nveredici u ngurjuzi intizi biex itelfulu giehu mal-pubbliku u biex jesponuh ghar-redikolu u d-disprezz tal-pubbliku, kif ukoll intizi biex jingurjaw il-karattru u r-reputazzjoni tieghu, kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; (Dok. A);

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tirritjeni lill-konvenuti responsabbli ghad-danni fil-konfront ta' l-attur a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Ligi ta' l-Istampa, minhabba tali kitba ingurjuza;

2. Tillikwida dawn id-danni f' ammont li ma jeccedix l-elfejn lira Maltija;

3. Tikkundanna lil kull wiehed mill-konvenuti biex ihallas lill-attur dik is-somma hekk likwidata, in linea ta' danni kif fuq intqal, flimkien ma' l-imghax legali;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fit-28 ta' Jannar 1994, li permezz taghha huma eccepew:-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati billi l-artikolu li ghalih oggezzjona l-attur mhux hlief resume` ta' inkjesta ta' l-Imhallef Anastasi dwar irregolaritajiet fil-bank Mid-Med u ta' rapport tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni - b' mod li dak li nkiteb kien kumment gust fuq materja pubblika u li jinteressa l-interess pubbliku;

2. F' kull kaz, il-konvenut Dr. Bencini ma qarax l-artikolu nkriminat qabel ma gie ppubblikat;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet ta’ l-1 ta’ Dicembru 1998 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma’ l-provi li kien fadal;

Rat l-Affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet intavolata mill-attur fil-11 ta’ Dicembru 2003;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Ma jidhirx li huwa kontestat mill-provi kompilati f’ dan il-kaz illi fil-mument rilevanti l-attur, kif minnu stess konfessat, kien Manager 1 fid-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici, kif ukoll azzjonista jew direttur ta’ diversi kumpaniji li nghataw facilitajiet bankarji;

Lanqas ma jidher li hu dubitat illi dwar l-operat ta’ l-attur sar stharrig mill-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni u li inoltre saret ukoll inkjesta dwar allegati rregolaritajiet li jinghad li gew kommessi mill-Mid-Med Bank bi prestazzjonijiet ta’ self u operazzjonijiet bankarji ohra lill-kumpaniji li fihom b’ xi mod l-attur kien ko-involt;

Dan premess, jidher opportun, qabel kull osservazzjoni ohra, illi jigi delinejat kif u safejn l-attur kien involut fil-pubblikazzjoni taht ir-ras “In-Nisga ta’ l-Ghanqbuta” li dehret fil-harga tal-gurnal “Il-Gens” tad-19 ta’ Novembru 1993, u ghal liema parti minn din l-istess pubblikazzjoni l-attur sab oggezzjoni;

Il-pubbikazzjoni in kwestjoni tipprovdi f' forma ta' kwadru l-ismijiet ta' numru ta' kumpaniji, u l-konnessjoni maghhom ta' persuni specifikati, li jinghad li nghataw self ta' flejjes mill-Mid-Med Bank mhux skond ir-regolamenti bankarji. Hekk, per ezempju, fil-kaz ta' l-attur, ismu hu relatat mas-socjetajiet Ideal Construction Co Ltd, l-Ghajn Construction Co. Ltd, Filati Ltd, P & J C Ltd u Tal-Barrani Limited. Fi spjega li tinghata mill-gurnal jinghad li t-taghrif migjub gie estratt mill-Inkjesta kondotta mill-Imhallef John Anastasi dwar l-irregolaritajiet fil-Mid-Med Bank, kif ukoll mir-rapport tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni, kapeggjata mill-Imhallef Victor Borg Costanzi, dwar allegazzjonijiet ta' atti ta' korruzzjoni fil-hrug ta' permessi ghall-bini;

Fl-istess pubblikazzjoni nsibu wkoll kapsulizzat f' kaxxa ghaliha l-kliem: "Lino Cauchi li skond ir-rapport tal-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni ta' Frar 1990, kien l-accountant ta' Piju Camilleri. Cauchi gheb u l-kadavru tieghu nstab mqatta' bicciet f' bir il-Buskett snin wara". Hu ghal dan il-kliem li l-attur l-aktar li joggezzjona. Huwa jenfasizza, kemm fid-deposizzjoni tieghu (fol. 14), kif ukoll fil-verbal a fol. 23, illi "l-aktar li insib oggezzjoni hija ghall-insinwazzjoni ... li jiena seta' kelli x' naqsam mal-qtil ta' din il-persuna u anke ma kif gie trattat il-kadavru tieghu" (fol. 21). Jikkontendi ghalhekk li l-implikazzjoni saret bl-iskop li toffendi l-unur u l-fama tieghu, u li tesponih ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku;

Kontra din l-akkuza, li f' kull kaz u dejjem l-attur jehtieglu jipprova gjaladarba l-piz tal-prova hu mixhut fuqu, il-konvenut, ghall-ewwel, jiddefendi ruhu billi jeccepixxi li dak li nkiteb kien kumment gust fuq materja ta' interess pubbliku. U aktar 'il quddiem, tramite d-difensur tieghu fil-verbal imsemmi a fol. 23, u wkoll fl-Affidavit tieghu (fol. 123) jissottometti, b' argoment, illi l-pubblikazzjoni *de qua* kellha titqies "*qualified privilege*" fit-termini tal-ligi;

Jispjega l-**Gatley** fl-opra omonima tieghu “**On Libel and Slander**” (Seventh Edition, para. 441 *et seq.*) illi:-

(1) “*There are occasions upon which, on grounds of public policy and convenience, a person may, without incurring legal libiality, make statements about another which are defamatory and in fact untrue ... These occasions are called occasions of qualified privilege.*” (para. 441)

(2) “*Statements published on an occasion of qualified privilege are protected for the common convenience and welfare of society ... In such cases no matter how harsh, hasty, untrue, or libellous the publication would be but for the circumstances, the law declares it privileged because the amount of public inconvenience from the restriction of freedom of speech or writing would far out-balance that arising from the infliction of a private injury*” (para. 443);

(3) “*The principle on which these cases are founded is a universal one, that the public convenience is to be preferred to private interests and that communications which the interests of society require to be unfettered may freely be made by persons acting honestly without actual malice notwithstanding that they involve relevant comments condemnatory of individuals*” (para. 443);

Din il-Qorti ezaminat il-kontenut tal-pubbikazzjoni stampata, anke fl-ambitu tal-principji tad-dritt li jghoddu, u fir-rigward taghmel is-segwenti riflessjonijiet:-

I. Jidher li l-gurnal illimita ruhu li jippubblika estratti mill-inkjesta u r-rapport tal-fatti rizultanti u minghajr ma tbieghed minnhom. Ma jidherx li saret xi mprecizazzjoni jew nterpretazzjoni soggetiva ta’ dawn l-istess fatti. Lanqas ma jidher li sar gudizzju jew valutazzjoni personali dwarhom. Inghatat sempliciment esposizzjoni formali minghajr ma l-pubblkazzjoni estraripat mill-iskop informattiv li twassal lill-qarrej taghrif dwar certi fatti

emanenti mill-inkjesta jew mir-rapport tal-Kummissjoni imsemmija;

II. Minn dan huwa lecitu li jinghad illi l-pubblikazzjoni *in re ipsa* tikkontjeni rapportagg li jista' jitqies "*fair and accurate*" ta' l-istess inkjesta u rapport. Rapportagg *bona fide* u skarn minn dik il-mizrepresentazzjoni li taghti jew thalli, b' malizzja, impressjoni falza, bi pregudizzju tal-parti;

III. Naturalment il-korrettezza tal-fatti li jirrigwardaw lill-attur u l-persuni ohra imsemmija ma jgibx illi ghal daqshekk l-allegazzjonijiet fil-konfront taghhom huma bilfors veri. Dawn jibqghu allegazzjonijiet sakemm ma ssirx id-debita verifika dwarhom fil-foro kompetenti. Verifika din li ma tispettax lill-gurnal, anke jekk mill-atti jidher li saret mill-Qorti b' ezitu favorevoli ghall-attur, ghallanqas fl-istadju ta' l-ewwel istanza (fol. 27). Jibqa' l-fatt illi din il-verifika u gudizzju ma jidherx li huma materjali ghall-iskop tal-meritu *de quo*. Dan ghaliex, kif fuq gja ntqal, dak li hu fundamentali ghall-kwestjoni in ezami hu jekk il-pubblikazzjoni llimitatx ruhha ghall-fatti estrapolati mill-inkjesta u r-rapport, u rrapprezentathomx bhala narrazzjoni axettika u mparzjali, jew, invece, esprimietx, b' kumment, xi opinjoni dwar l-istess fatti in kwantu jolqtu lill-attur u bl-intenzjoni li tistigmatizzah;

Ara fuq dan il-punt sentenza fl-ismijiet "**L-Avukat Dr. Henry Antoncich *et* -vs- Jeffrey Bezzina *et nomine***", Appell, 25 ta' Mejju 2001 u decizjoni **Numru 15999 tal-Qorti Taljana tal-Kassazzjoni tad-19 ta' Dicembru 2001**;

IV. Fil-hsieb ta' din il-Qorti jidher li l-gurnal zamm ruhu fil-parametri ta' dik il-kontinenza ta' l-esposizzjoni tal-korettezza formali tal-fatti rilevati fl-inkjesta u fir-rapport tal-Kummissjoni. Fatti utili ghall-ahjar gharfien ta' l-informazzjoni da parti tal-qarrejja tal-gurnal. Huwa f' dan il-qafas li d-dritt ta' kronaka jsib il-gustifikazzjoni valida tieghu;

V. Del resto, kif taraha din il-Qorti, il-gurnal mhux biss ma ghamel ebda addebitu kriminuz lill-attur fir-rigward tal-qtil ta' Lino Cauchi izda dan lanqas ma jinsab inferit mill-kliem uzat, u hekk kaptat mir-rapport tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni. Effettivament ma saru ebda illazzjonijiet jew suggestjonijiet li jmorru 'l hinn mill-kontenut tar-rapport;

VI. Ma jistax ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ikun kundannat ghar-rizarciment tad-danni ghal-lezjoni tar-reputazzjoni dak il-gurnal li jkun illimita ruhu li jippubblika diligentement il-fatti wara li jkun accerta ruhu mill-attendibilita` taghhom. F' kazijiet ta' din ix-xorta, una volta l-Qorti tistabbilixxi li dak pubblikat f' dik il-parti li ghaliha l-attur joggezzjoni kienet fattwalment korretta u ezenti minn riflessjonijiet proprji u malintenzjonati, huwa l-kaz li jinghad illi l-gurnal ghandu jkollu l-fakolta pjena u libera li jippubblika tali taghrif minghajr ir-riskju li jesponi ruhu ghall-azzjoni ta' libell jew diffamazzjoni.

Ghall-motivi u l-konsiderazzjonijiet kollha suesposti;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet kollha dedotti mill-attur, bl-ispejjez gudizzjarji jigu sopportati minnu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------